MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2325/2004

**Maltacom plc C 22334**

**vs**

**Paul Cassar ID 750849m**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-6 ta Dicembru 2004 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (LM284.56) in konnessjoni ma’ servizz telefoniku numru 21662250 installat fil-fond Casa Maria Triq il-Koppla, Fgura kif jirrizulta mill-prospett esebit markat Dok A u l-kuntratt relattiv ukoll esebit markat Dok B u liema talba giet ntavolata stante li l-konvenut baqa’ ma hallasx nonostante li sarulu diversi nterpellanzi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta Marzu 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm284.56) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-17 ta Dicembru 2004 u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------